**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 11**

**12 ta' Frar 2025**

Il-laqgħa numru 11 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-12 ta' Frar fi 16.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier (online) |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv
Karl Cutajar - Accountant

| | |
|---|---|
| **11.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija għalkemm Daniel kien informa li kien ser ikun jattendi online peress li msiefer. |
| | |
| **11.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| | Is-Sur Matthew Bugeja kien bagħat email b'xi kjarifikazzjonijiet, u dawn kienu ġew tranġati qabel il-laqgħa. Is-Sa Miriam Camilleri ġibdet l-attenzjoni fuq is-swimming lesson li ġew imniżżla ukoll. Dawn ġew iffirmati mis-sindku u Deputat Segretarju Eżekuttiv u minn Miriam Camilleri bħala proponenet u Matthew Bugeja bħala sekondant. |
| | |
| | Hawnhekk ġie deċiż li peress li l-accountant kien wasal, l-item tal-komunkiazzjoni mis-sindku jiġi diskuss wara l-finanzi. |
| | |
| **11.4** | **Approvazzjoni tal-Budget 2025 u 4$^{th}$ Quarter 2024** |
| 11.4.01 | L-accountant spjega li matul din il-laqgħa kien ser jitkellem fuq żewġt rapporti; dak tar-raba' kwart tas-sena 2024, u dak tal-budget għas-sena 2025.<br><br>Fuq ir-rapport għar-raba' kwart tas-sena l-accountant spjega li l-income żdied minn dak li kien ġie ikkalkulat b'kważi 60K. Din iż-żieda hi minħabba li żdiedu l-iskemi kif ukoll il-ħlasijiet minn għand il-LESA. Matthew saqsa kif kien id-dħul tal-byelaws meta tikkumpara 2023, u 2024. L-accountant wieġeb li dan ma żdiedx b'ħafna fir-realtà' imma mal-budget kien hemm żieda. Il-Permessi żdiedu ukoll b'4K. Miriam ġibdet l-attenzjoni li dan kien ser jonqos peress li issa l-permess tal-kampers ġie 50c minn Euro 5.<br><br>L-accountant spjega ukoll li spejjeż personali bħal pagi eċċ ukoll naqsu meta komparata mal-budget. Dawn l-ispejjeż jinkludu ukoll il-Cola, u l-performance bonus. Operations u Maintenance għal din is-sena kienu akbar mis-sena l-oħra u aktar mill ġie ikkalkulat għal 2024. L-ikbar problema hi tipping fees.<br><br>In-nefqa fuq l-amministrazzjoni naqsu ħafna kemm meta ikkomparati mas-sena l-oħra kif ukoll meta ikkomparati mal-budget. Is-Sindku spjega li dan sar peress li irnexxilu jġib ħafna fondi minn postijiet u entitajiet differenti. Spejjeż totali kienu ta 613K, dħul kien ta 529K u għalhekk jibqa' defiċit ta 84K. Meta tneħħi depreciation li kienet ta' 30K jibqa' defiċit totali ta' 53K. Għalhekk meta tikkompara dak li kien ikkalkulat u dak ta' 2023, id-defiċit attwali kien ukoll inqas. Dan juri li l-Kunsill Lokali ħa deċiżjonijiet tajbin.<br><br>L-accountant qal li f'paġna 5 insibu l-balance sheet. Il-Kunsill għandu assi ta' 190K. Dan żdied mis-sena 2023. L-accountant qal ukoll li l-finanzi jinħadmu fuq |

| | |
|---|---|
| | il-kunċett ta' prudence base. L-akbar problemi huma l-kawża mitlufa fuq il-power station, il-ħlas kollu li ħareġ fuq il-binja mwiegħda għal kunsill ħdejn l-iskola u tipping fees ħolqu żbilanċ kbir. F'paġna numru 6 l-accountant jirrimarka li l-flus fl-idejn naqas għax saru proġetti ta' natura kapitali.<br><br>Għaldaqstant is-sindku talab li jittieħed vot fuq dan ir-rapport ta' l-aħħar kwart tas-sena. Ir-rapport kien approvat unanimament.<br><br>L-accountant mexa għal budget 2025. Hu spjega li f'dan il-budget kien ser iħares lejn li jerġa jibda jtella' l-FSI għal waħda normali u aċċettabbli. Għalhekk ma kienx ser ikun hemm flus allokati fuq proġetti partikolari. Dan il-budget kien ser iħares ftit lejn kif il-kunsill jista' jtejjeb il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu. L-accountant qal li din is-sena il-kunsill ma' kienx ser joħroġ tipping fees u li dawn marru dirett għand il-Kunsill Reġjonali. Għaldaqstant l-allokazzjoni ma' kienetx tinkludi dan.<br><br>Matthew ġibed l-attenzjoni li l-budget jinkludi biss 5k fuq 'Waste Collection'. L-accountant spjega li dan kien biss estimu u li setgħa jinbidel skond kif u meta ikun hemm bżonn. Matthew qal li 5K fuq Waste Collection kienet baxxa ħafna u xtaq li din tinbidel, però l-accountant qal li hu kellu bżonn inaqqas minn x'imkien ieħor u saqsa minn fejn seta' jieħu sabiex iżid fuq Waste Collection. Hu spjega li peress li issa tipping fees telqgħu u il-ħlas tal-Waste kien għand ir-reġjun hu seta' biss immiss dik il-parti. Il-Kunsill kellu bżonn li jnaqqas l-ispiża tiegħu minn x'imkien ieħor sabiex dan jitla'.<br><br>Is-sindku spjega li tajjeb li għalissa nħallu l-budget kif inhu preżentat imbagħad wara Q1, naraw kif inkunu meta mqabbel mal-budget u nagħmlu l-aġġustamenti kif ikun hemm bżonn. Is-Sindku talab li jittieħed vot fuq il-budget kif inhu preżentat.<br><br>Vot: 4 favur<br>Kontra: 0<br>Astenzjoni: 1 |
| | |
| **11.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 11.03.01 | Is-Sindku ippropona li kif tkun qed tinqala' Triq l-Arznell, jiġi modifikat il-parking sabiex dan isir kollu fuq naħa waħda, in-naħa tal-iskola. Għalhekk minn Triq San Franġisk sa Triq il-Luzzu jmorru naħa tal- bus stop, filwaqt li minn Triq San Piju V sa Triq il-Kunċizzjoni ukoll. Kien hemm suġġeriment li zebra crossings jiġu humped zebra crossings u sindku wieġeb li ser ikun qed jagħmel dan is-suġġeriment lil IM.<br>Miriam saqsiet jekk il-bankini hux ser ikunu inklużi fil-proġett u s-sindku |

| | |
|---|---|
| | ikkonferma. Matthew staqsa jekk il-wires tad-dawl jistgħux jinżlu taħt il-bankini u s-sindku wieġeb li ser jagħmel talba lill-Infrastructure Malta biex dan isir. |
| 11.03.02 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li nhar l-Erbgħa, 15 ta' Jannar 2025 is-sindku kellu laqgħa ma' Tyson OPM ġewwa Kastilja |
| 11.03.03 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li nhar il-Ġimgħa 17 ta' Jannar 2025 ~~is-Sindku kellu laqgħa~~kien hemm is-site visit fuq it-tender ta' Sqaq Busbiesi, fejn min kien interessat fuq it-tender seta jattendi. |
| 11.03.04 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera li nhar it-Tlieta 21 ta' Jannar 2025, kellu laqgħa mal-Kap tal-iskola primarja biex bħala kunsill jista' jara fejn jista' jaħdem flimkien mal-iskola. Il-kunsill qed jistenna mingħand is-surmast tal-iskola aktar dettalji kif il-kunsill jista' jkun ta' għajnuna. |
| 11.03.05 | Is-sindku informa li nhar il-Ħamis 23 ta' Jannar 2025, is-sindku kellu laqgħa ma Nature Trust rigward is-sajd. Flimkien miegħu kien hemm ukoll il-Kunsillier Reno Bugeja |
| 11.03.06 | Is-Sindku informa li nhar il-Ħamis 27 ta' Jannar 2025 kellu konferenza stampa rigward l-iskemi mħabbra għas-sena 2025 |
| 11.03.07 | Is-Sindku qal li nhar it-tlieta 28 ta' Jannar 2025, flimkien mad-deputat segretarju ezekuttiv kellu laqgħa mal-perit rigward il-campers Zone fejn is-sindku qed jipproponi li ssir camper zone in-naħa tal-port ruman faċċata tat-torri ta' San Luċjan u naħa l-oħra ħdejn it-torri issir bil-kampijiet. Dan għandu jsir b'Public Private Partnership. Fuq dan kien hemm qbil. |
| 11.03.08 | Is-sindku informa li kellu laqgħa mal-On. Chris Bonett nhar il-Ħamis 30 ta' Jannar 2025. Flimkien mas-sindku kien hemm id-deputat segretarju eżekuttiv, fejn ġie diskuss il-Master Plan. Dak in-nhar stess is-sindku kellu laqgħa ma' WSC minħabba l-grease slabs. |
| 11.03.09 | Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 3 ta' Frar 2025 kellu laqgħa ma' l-On. Clifton Grima rigward il-binja tal-kunsill fil-Port Ruman. Miegħu kien hemm id-deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-sindku informal ill-Kunsilliera li l-Ministru qabel li jitkellem mal-Università ta' Malta sabiex parti mill-binja tingħata lill-Kunsill Lokali kif qed jiġi propost. |
| 11.03.10 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li nhar l-Erbgħa 5 ta' Frar 2025, is-sindku kellu laqgħa mal-perit rigward proġetti diversi.<br><br>Is-Sindku informa li rigward il-ġnien fi Triq Birikka il-Perit kien ser jiprovdi kwotazzjoni biex isir id-disinn biss. Rigward il-ġnien fi Triq Maurice Bonnici, il-Perit ser jiċċekja ta' min hi l-art u min għandu l-obbligu li jagħmel il-ġnien. Ġiet diskussa wkoll il-bankina l-ġdida ta' Triq il-Port Ruman u l-Perit ġibed l-attenzjoni li hem bżonn is-servizzi ta' *quantity surveyor.* Is-sindku qal li ser jistaqsi lill-Public Works biex jipprovdulna dawn is-servizzi ta' QS. |
| 11.03.11 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera li nhar il-Ġimgħa 7 ta' Frar 2025 is-Sindku kellu laqgħa fil-post ma' IM rigward il-ħoloq u l-pajpijiet għas-sajjieda. Sar qbil li IM ser jagħmlu survey taż-żona bejn Triq San Piju V u Triq is-Salvatur u ser jinbidlu l-pajpijiet ta' din il-biċċa bi prova. |
| 11.03.12 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera li s-Sibt 8 ta' Frar 2025, is-sindku kellu laqgħa pjanata mal-kuntrattur li kien informa bih fuq il-panelli solari u anke~~-~~ charging points kif kien informa fil-laqgħat preċedenti. Għal din il-laqgħa kien hemm ukoll id-deputat segretarju eżekuttiv, imma l-kuntrattur ma ġiex. Wara li is-segretarju ċemplitlu sabiex tara hekk nistgħux nerġgħu niltaqgħu darb'oħra hu |

| | |
|---|---|
| | qalilha li qiegħed f'diskussjonijiet mal-ministeru tal-enerġija għal proġett pilota post ieħor. Għaldaqstant, is-Sindku qal li ser tiġi skedata laqgħa mal-Ministru Miriam Dalli rigward it-tibdil tal-arbli tad-dawl f'Xatt is-Sajjieda u l-proġett ta' installazzjoni ta' PVs fil-parking ta' wara l-ground tal-futbol. |
| 11.03.13 | Is-sindku informa l-kunsilliera preżenti li nhar it-Tlieta 11 ta' Frar is-sindku u deputat segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa mal-pulizija li ssir kull xahar. |
| | |
| **11.13.1** | Diversjoni – minħabba l-coaches |
| | Is-Sindku informa li kien qed jipproponi li turisti li jiġu minn naħa tal-Qajjenza u jwaqqfu lin-nies fuq il-bus stop ta' Triq il-Kavallerizza u jmorru jistennew fi Triq il-Ppowerstation. Wara diskussjoni, kien ikkjarifikat li m'hux ser jitnaqqas il-parking eżistenti. Fuq dan kien hemm qbil. |
| | |
| | Peress li kien sar il-ħin u kienu bdew jinġabru nies għal laqgħa ġenerali, il-laqgħa twaqqfet hawn, u ġiet aġġornata għas-Sibt 15 ta' Frar 2025 fid-9.00 ta' filgħodu. |
| | |
| | |

Konfermati, illum 25 ta' Frar 2025.

IFFIRMATA IFFIRMATA

**Steven Grech**
*Sindku*

**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

IFFIRMATA IFFIRMATA

***Proponent***

***Sekondant***